DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2020/1088

tat-22 ta' Lulju 2020

li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/485 li tawtorizza lid-Danimarka tapplika miżura speċjali li tidderoga mill-Artikolu 75 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 395(1) tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Permezz ta' ittra rreġistrata mal-Kummissjoni fil-21 ta' Frar 2020, id-Danimarka talbet, taħt l-Artikolu 395 tad-Direttiva 2006/112/KE, awtorizzazzjoni biex tapplika miżura speċjali li tirregola d-dritt għat-tnaqqis tat-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) tal-input, li tidderoga mill-Artikolu 75 ta' dik id-Direttiva.

(2) Permezz ta' ittra datata t-2 ta' April 2020, il-Kummissjoni infurmat lill-Istati Membri l-oħra bit-talba ppreżentata mid-Danimarka u, permezz ta' ittra datata t-3 ta' April 2020, hija nnotifikat lid-Danimarka li kellha l-informazzjoni kollha meħtieġa biex tqis it-talba.

(3) Minħajr miżura ta' deroga, il-leġiżlazzjoni fid-Danimarka tipprevedi li jekk vettura kummerċjali ħafifa b'piż totali awtorizzat ta' mhux aktar minn tliet tunnellati tkun reġistrata mal-awtoritajiet Daniżi biex tintuża għal finijiet ta' negozju biss, il-persuna taxxabbli tkun tista' tnaqqas il-VAT tal-input kollu fuq il-prezz tax-xiri u l-ispejjeż operazzjonali tal-vettura. Jekk tali vettura sussegwentement tintuża għal finijiet privati, il-persuna taxxabbli titlef id-dritt għat-tnaqqis tal-VAT imħallsa fuq il-prezz tax-xiri tal-vettura.

(4) Sabiex ittaffi l-konsegwenzi ta' dak ir-reġim, id-Danimarka talbet awtorizzazzjoni biex tapplika miżura speċjali li tidderoga mill-Artikolu 75 tad-Direttiva 2006/112/KE. Id-deroga ġiet konċessa permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2012/447/UE ([2]) u sussegwentement permezz tad-Deċiżjonijiet ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2015/992 ([3]) u (UE) 2018/485 ([4]). Id-Deċiżjoni (UE) 2018/485 għandha tiskadi fil-31 ta' Diċembru 2020.

(5) Permezz tal-miżura, persuni taxxabbli li jkunu rreġistraw vettura għal finijiet tan-negozju biss ikunu jistgħu jużaw il-vettura għal finijiet privati, u jkunu jistgħu jikkalkulaw l-ammont taxxabbli tal-provvista preżunta ta' servizzi skont l-Artikolu 75 tad-Direttiva 2006/112/KE abbażi ta' rata fissa ta' kuljum, minħajr ma jitilfu d-dritt tagħhom li jnaqqsu l-VAT imġarrba fuq il-prezz tax-xiri tal-vettura.

(6) Jenħtieġ madankollu li dak il-metodu ta' kalkolu ssimplifikat ikun limitat għal għoxrin jum ta' użu għal finijiet privati għal kull sena kalendarja, u l-ammont b'rata fissa tal-VAT li għandu jitħallas jenħtieġ li jkun iffissat għal DKK 40 għal kull jum ta' tali użu. Dak l-ammont ġie ffissat mill-Gvern Daniż abbażi ta' analiżi ta' statistika nazzjonali.

([1]) ĠU L 347, 11.12.2006, p. 1.

([2]) Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2012/447/UE tal-24 ta' Lulju 2012 li tawtorizza lid-Danimarka sabiex tintroduċi miżura speċjali li tidderoga mill-Artikolu 75 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 202, 28.7.2012, p. 24).

([3]) Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2015/992 tad-19 ta' Ġunju 2015 li tawtorizza lid-Danimarka sabiex tintroduċi miżura speċjali li tidderoga mill-Artikolu 75 tad- Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 159, 25.6.2015, p. 66).

([4]) Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/485 tad-19 ta' Marzu 2018 li tawtorizza lid-Danimarka biex tapplika miżura speċjali li tidderoga mill-Artikolu 75 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 81, 23.3.2018, p. 13).

(7) Din il-miżura, li jenħtieġ li tapplika għal vetturi kummerċjali ħfief b'piż totali awtorizzat ta' mhux aktar minn tliet tunnellati, għandha l-għan li tissimplifika l-obbligi tal-VAT tal-persuni taxxabbli li okkażjonalment jużaw, għal finijiet privati, vettura li kienet irreġistrata biss għal finijiet ta' negozju, u b'hekk tiġi ssimplifikata l-proċedura għall-ġbir tal-VAT. Madankollu, jibqa' possibbli għal persuna taxxabbli li tagħżel li tirreġistra vettura kummerċjali ħafifa għall-użu kemm għal finijiet ta' negozju kif ukoll għal dawk privati. Meta tagħmel hekk, il-persuna taxxabbli titlef id-dritt li tnaqqas il-VAT imġarrba fuq il-kost tax-xiri tal-vettura iżda ma jkollhiex l-obbligu li tħallas imposta ta' kuljum għal kwalunkwe użu għal finijiet privati.

(8) L-awtorizzazzjoni ta' miżura li tiżgura li persuna taxxabbli li okkażjonalment tuża, għal finijiet privati, vettura rreġistrata biss għal finijiet ta' negozju ma tkunx imċaħħda mid-dritt sħiħ tat-tnaqqis tal-VAT tal-input fuq dik il-vettura hija konsistenti mar-regoli ġenerali dwar it-tnaqqis kif stabbiliti bid-Direttiva 2006/112/KE.

(9) L-awtorizzazzjoni jenħtieġ li tkun valida għal perjodu limitat u għalhekk jenħtieġ li tiskadi fil-31 ta' Diċembru 2023.

(10) Fil-każ li d-Danimarka titlob estensjoni oħra tal-miżura speċjali lil hinn mill-31 ta' Diċembru 2023, jenħtieġ li hija tippreżenta rapport lill-Kummissjoni flimkien mat-talba għal estensjoni sal-31 ta' Marzu 2023.

(11) Jitqies li d-deroga jkollha biss effett negliġibbli fuq l-ammont globali tad-dħul mill-VAT miġbur fl-istadju tal-konsum finali u ma jkollha l-ebda effett negattiv fuq ir-riżorsi proprji tal-Unjoni rikavati mill-VAT.

(12) Għalhekk, id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/485 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Fl-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/485, it-tieni u t-tielet paragrafi huma sostitwiti b'dan li ġej:

'Hija għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2018 sal-31 ta' Diċembru 2023.

Kwalunkwe talba għall-estensjoni tal-miżura prevista f'din id-Deċiżjoni għandha titressaq lill-Kummissjoni sal-31 ta' Marzu 2023 u għandha tiġi akkumpanjata b'rapport li jinkludi reviżjoni tal-miżura.'.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Renju tad-Danimarka.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Lulju 2020.

Għall-Kunsill
Il-President
M. ROTH